MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru. 428/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**Versus**

**Jason Azzopardi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jason Azzopardi ta’ 33 sena, iben missier mhux magħruf u Mary nee Azzopardi mwieled Tal-Pieta’ fil-25 ta’ Mejju 1973 u residenti fil-fond numru 4 Joselt Triq Sir Temi Zammit Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 312673 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-8 ta’ Jannar 2003 u matul l-aħaħr tleit chur qabel dina d-data:

a) ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur ta-ddispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) ukoll talli biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

ċ) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijeit li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

d) ukoll talli kellu wkoll fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kentix għall-użu tiegħu.**

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ- ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3126 tas-sena 1973, il-fedina penali tal-imputat, l-ordinjiet tal-Avukat Ġenerali datati 18 ta' Frar 2003, l-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr Abigail Lofaro (immarkat dok CA fol 10), il-konferma tal-ħatriet tal-esperti magħmula matul l-inkjesta (fol 7), id-dokument NH3, l-istqarrija tal-imputat a fol 24, id-dikjarazzjoni li biha d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lill-PS 516 Alfio Borg, u d-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu

jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 iżda mhux fil-massimu tiegħu (fol 61).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur kif ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijeit tal-imputat.

Ikkonsidrat

Li skond l-Assistant Kummissarju (dak iż-żmien is-Supretendent) Neil Harrison kienet saret għassa fuq il-movimenti tal-imputat. Meta twaqqaf, il-Pulizija ma sabet xejn fil-karozza iżda meta marret tagħmel tfittxija fid-dar tal-imputat, il-Pulizija elevat 24 ecstasy kiuf ukoll raża tal-cannabis, mobiles u flus. L-imputat għamel l-istqarrija tiegħu li fiha kien wieġeb għad-domandi kollha u stqarr ukoll għala kien qed ibiegħ id-droga.

Fl-istqarrija tieghħu l-imputat kien qal li hu kien qed jaħdem bħala refuse collector. Huwa tfakkar li fil-jum ta' qabel kien għadda lill-pulizija 24 pillola suspettati ecstacy u bictejn raża tal-cannabis. Hu qal li meta spicca jaħdem kellu problemi bil-flus u dawn il-problemi fil-flus kienu bdew xi tliet xhur qabel. Il-flus li kien jaqla' bħala refuse collector ma kienux biżżejjed biex jgħixu hu u l-familja. Għal hekk ddecieda li jibda' jbiegħ id-droga u beda jbiegħ id-droga ecstacy u l-blokka raża tal-cannabis. Kienu jcemplulu fuq il-mobile tiegħu u kien imur ibiegħ id-droga lil min icempillu. Kien imur jiltaqa' magħhom fejn il-bar li hemm fejn il-knisja tar-Raħal il-Ġdid. L-ecstasy kien ibiegħhom Lm5 il-waħda. Kien ukoll ibiegħ il-bicciet ta' blokka, bicciet ta' Lm5 il-waħda. Kien imur ibiegħhom fl-istess bar fejn il-knisja tar-Raħal il-Gdid. Kien ilu għaddej ibiegħ għal dawn l-aħħar xarhejn jew tliet xhur. Id-droga li kien ikollu għall-bejgħ kien iżommha d-dar fuq il-vetrina. Hu qatt ma kien uża ecstacy u li kien ipejjep kien il-ħaxixa (fol 25).

Hu qal ukoll li kien jixtri l-ecstacy Lm3.50 kull waħda u kien jaqla' Lm1.50 minn fuq kull waħda. Il-blokka kien xtraha sħiħa u kien qattagħha bicciet żgħar bil-benzo li l-

pulizija sabu ghandu stess. Hu kien qal li kien jixtri d-droga minn garaxx bieb ta’ l-injam fl-istess triq fejn hemm il-bar li kien semma. Hu qal ukoll li kellu certu tip ta’ karozza li kienet silver metallic u kien ta’ l-istess eta ta’ l-imputat.

Il-pulizija qaltlu wkoll li kienet elevat karta żgħira ta’ lewn isfar li hemm xi numri miktubin fuqha. Fir-risposta tiegħu qal li dawk huma ammonti li għandhom jagħtuh tad-droga. Hu kellu jieħu xi Lm30 jew Lm35 (fol 36).

Xehed PS 536 Jason Caruana li qal li kienu maru fir-residenza ta’ l-imputat u qabel bdew ifittxu, Jason Azzopardi minn jeddu tahom 24 pillola u żewġ bicciet raża tal-cannabis. Komplew bit-tfittxija u elevaw benzo kif wkoll is-somma ta’ Lm235. U għaddew l-affarijiet lill-AC Neil Harrison. Dan ix-xhud għaraf l-oġġetti li kienu elevati meta ra ir-ritratti li jinsabu fil-proces verbal.

PS 579 Antoine Micallef prattikkament kkonferma fuq il-pedana tax-xhieda dak li qal PS 536 Jason Caruana (ara fol 20 et)

PC 10 Trevor Cassar Mallia ukoll qal li l-imputat kien kkopera magħhom meta mar fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal Tarxien u li kien għaddielu 24 pillola suspettati ecstacy kif wkoll bictejn kannella suspettati raża tal-cannabis.

l-Ispiżjar Mario Mifsud li kien mahtur fl-inkjesta kkonferma li kien hemm 47.146 grammi li fihom instabet is-sustanza THC u kif wkoll illi l-24 pillola kienu ecstacy.

Il-pulizija għalqet il-provi tagħha fit-18 ta’ Settembru 2007 (fol 27).

Meta xehed Ps 579 Antoine Micallef hu kkonferma li l-imputat mill-ewwel qabad u kien tahom l-affarijiet minn jeddu. Fit-tfittxija kienu sabu l-benzo.

Ukoll meta xehed PC 10 Trevor Cassar Mallia qalu li ma kienux qatt ltqagħu ma dan ir-raġel qabel dan il-każ u l-

imputat kien kkopera mal-pulizija u tahom id-droga hu. Dak inhar fil-flat kien hemm il-mara tiegħu wkoll.

L-Assistent Kummissarju Neil Harrison kien tela'  jixhed wkoll in kontro eżami u l-avukat kien staqsieh jekk l-imputat kienx indikalhom il-post minn fejn kien ġab id-droga.  U x-xhud kien wieġeb illi prova jidentifika u kien spjegalu pero ma setax jiftakar id-dettalji eżatt.

Il-mara ta' l-imputat Moira Azzopardi kkonfermat illi bħal issa r-raġel kien qed jaħdem fil-ġebel bħala bennej.

Rega' tela' jixhed l-AC Neil Harrison a fol 47 et fejn qal li l-imputat kien semma garaxx pero ma kienx qal in-numru tiegħu.  Hu kien qal li garaxx bil-bieb ta' l-injam.  Kienu ppruvaw isibu l-karozza li semma l-imputat iżda ma kienu waslu imkien.

PS 536 Jason Caruana ukoll xehed li ma kienx jiftakar li l-imputat wrieh xi garaxx.

PS 579 Antoine Micallef qal li kien jiftakar li kien spjegalhom dwar xi garaxx ġewwa Raħal il-Ġdid viċin fejn kien joqgħod ix-xhud stess.  Kien xi garaxx komuni bejn xi 5 karozzi u li kien xtara d-droga minn dak il-post.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dwar l-imputazzjonijiet magħmula, il-Prosekuzzjoni ppproduċiet xhieda forensika  kif ukoll xhieda okulari u  l-istqarrija tal-imputat.

Id-difiża ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni straħet fuq l-istqarrija.  Dan l-argument mhux sorrett mill-evidenza għaliex l-imputat ta 24 pillola ecstasy minn jeddu u ammont ta' THC.

Dwar is-sottomissjoni l-oħra tad-difiża dwar l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza tagħha 'Il-Pulizija versus Sharon O'Neill' (Sentenza tal-STO il-Prim Imħallef Dr Vincent de Gaetano LL.D.)  Fil-qosor, il-Qorti tal-Appell

Kriminali qalet li Qorti tista' tistrieħ fuq dak li jkun qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Dwar dak li d-difiża qalet fuq il-pussess, diġa' ngħataw sentenzi (kemm f'Malta kif ukoll barra) li l-pussess skond l-Ordinanzi tad-Drogi mhux il-pussess ċivili iżda sempliċiment li wieħed ikollu kontroll fuq id-droga. Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta l-arguemnt tad-difiża li jidher fit-tielet sentenza tar-raba' paragrafu tat-tieni paġina tas-sottomissjonijiet.

Mix-xhieda okulari li pproduċiet il-Prosekuzzjonijirriżulta li kien l-imputat stess li minn jeddu għadda lill-Pulizija kemm il-pillola suspettati ecstasy kif ukoll id-droga cannabis.

Mix-xhieda forensika kienet stabbilita li s-sustanza elavata minn għand l-imputat kienet tikkonsisti f'24 pillola ecstasy kif ukoll f'47.146 grammi THC (ara fol 13 tar-relazzjoni fil-proċess verbal).

Mill-istqarrija jirriżulta li l-imputat kien sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji wara li biddel ix-xogħol tiegħu. Kien hawn li beda jbiegħ id-droga ecstasy u r-raża tal-cannabis (fol25). Kien ilu jbiegħ għal madwar xahrejn jew tliet xhur. L-imputat stess qal li huwa stess kien pejjep il-ħaxixa xi tliet darbiet biss u li ecstasy qatt ma uża.

Meta l-Qorti kkonsidrat ix-xhieda kollha jirriżulta li ġaladarba l-imputat ma kienx jieħu l-ecstasy, kull ma kellu fil-pussess tiegħu ma kienx għalih. Barra dan, in-numru - 24 pillola - jindika li l-imputat kellu pussess ta' ecstasy f'ċirkustanzi li juru li l-pussess ma kienx għall-użu esklussiv. L-argument tad-difiża li 'Mix-xhieda miġbura, wieħed ma jistax jeskludi li dawn is-sustanzi kienu għall-użu tal-esponent' jaqa' għal kollox. l-difiża tgħid li l-ammont ma kienx wieħed kbir. Bir-rispett kollu diġa' kien hemm kundanni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Iinferjuri) għal ammonti ta' tnax-il pillola u wkoll anqas jew għal 0.8 grammi ta' eroina u l-kundanna kienet għal pussess mhux esklussiv.

Ukoll jekk l-imputat, skond ma qal hu, kien uża xi ftit il-cannabis ma jistax jitqies 'a regular user'. Għaldaqstant l-ammont indikat ta' cannabis juri li l-imputat ma kienx wieħed għall-użu esklussiv.

Il-Qorti mhix taċċetta l-argument tad-difiża li s-sustanza ma kenitx deskritta kif suppost meta dan sar skond ir-regolamenti. L-istess jgħodd għas-sottomissjonijiet magħmula mid-difiża dwar l-analiżi maħgmula mill-espert matur mill-Qorti.

Għalhekk jirriżulta li l-imputazzjonijiet (ċ) u (d) kienu ppruvati skond il-Liġi.

Dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet – bejgħ ta' ecstasy u ta' cannabis – l-imputazzjonijiet (a) u (d) – huma ppruvati mill-istqarrija tal-imputat stess.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tirreferi għall-argumenti dwar l-artikolu 29 tal-Kap 101. Skond każistika tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) biex wieħed jibbenefika jrid ikun tassew għen lill-Prosekuzzjoni biex jinqabad it-traffikant l-ieħor u li mhux biżżejjed li wieħed jixhed kontrih. F'dan il-każ l-imputat mhux talli ma xehedx, talli ma tax xi dettalji preċiżi. Għalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 hija ġusta.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolament (3) (1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B), 120A(2B)*[1] tal-Kap 31, l-artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) u 29 tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li l-imputazzjoni (ċ) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) hija assorbita fl-imputazzjoni (b).

[1] Dan jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101.

Dwar il-piena l-Qorti qieset dawn l-elementi:

(a) Li l-imputat għandu fedina penali netta; u
(b) Li huwa jimmerita li jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 (120(2B) tal-Kap 31) fi grad wieħed;

Min-naħa l-oħra l-imputat **kienu ilu jbiegħ xi xahrejn jew tliet xhur.**

L-imputat stqarr li kien beda jbiegħ id-droga għax kien sab ruħu xott mill-flus. **Bir-rispett kollu din mhix skuża aċċettabbli mil-liġi u bl-ebda mod m'hija ġustifikata.**

War li l-Qorti qieset dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmien xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €550 liema multa tista' titħallas f'rati ta' 40 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tissekwestra l-mobiles li kienu ppreżentati.

Dwar il-flus elevati (Lm235 - € 549.9) dawn għandhom ikunu kkonfiskati wkoll.

Jekk kemm-il darba tqabbdu xi esperti, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat iħalals l-ispejjeż li jkunu likwidati mir-Reġistratur.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------